MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 649/2009

**Go Plc (C-22334)**
vs
**The Housekeeper Company Limited (C20560)**
**u Mario Scerri (K.I. 136958M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' hames mija, sebgha u erbghin ewro u hdax-il ewro centezmu (€547.11) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu in-numru 2142 2329, 2142 2330, 2149 1841 u 2149 9647 (CN 1056056 AC 10169911) skont diversi kontijiet mibghuta lilhom u skont id-dokumenti hawn annessi w mmarkati IZY1 u IZY2.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati. Ra li fil-kaz tas-socjeta’ konvenuta l-affissjoni ma setghetx issir fuq il-post peress illi ma nstabx l-isem tas-socjeta’ attrici. Illi gie verbalizzat illi l-isem tas-socjeta’ konvenuta ghadu jidher taht l-istess indirizz u jekk kemm-il dabra l-post ma jinstabx ghandu jitqies bhala li gie affiss. Ra l-verbal ta’ nhar it-13 ta’ Jannar, 2010 f’liema verbal Dr. Keith Grech ghas-socjeta attrici ddikjara li kien qed jaghmel referenza ghall-artikolu 187(3) tal-kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn l-affissjoni ghandha ssir biss fejn huwa possibli u peress li f’dan il-kaz is-socjeta’ attrici ppruvat tinnotifika bl-affissjoni pero’ ma rnexxilix u ghalhekk titlob li titqies bhalha notifikata.

Ra li dan it-Tribunal laqa’ din it-talba.

Ra li l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2010 mill-Avukat Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------